

32006D0085

L 40/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.2.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 Frar 2006

li temenda d-Deċiżjoni 98/452/KEE fir-rigward ta' ċerti gruppi għall-ġbir u produzzjoni ta' embrijuni f'pajjiżi terzi

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 332)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/85/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta' Lulju 1992 li tistabilixxi lista ta' gruppi approvati għall-ġbir ta' embrijuni f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijuni ta' bovini lejn il-Komunità⁽²⁾ tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jimpurtaw embrijuni minn pajjiżi terzi biss jekk dawn ikunu nġabru, ġew ipproċessati u nħażnu mill-gruppi għall-ġbir ta' l-embrijuni elenkati f'dik id-Deċiżjoni.
- (2) Il-Kanada, New Zealand u l-Istati Uniti ta' l-Amerika talbu l-emendar tal-lista ta' dawn il-pajjiżi fir-rigward ta' ċerti gruppi għall-ġbir u produzzjoni ta' embrijuni.
- (3) Il-Kanada, New Zealand u l-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu pprovdew garanziji rigward il-konformità mar-regoli xierqa stabbiliti fid-Direttiva 89/556/KEE u l-gruppi kkonċernati tal-ġbir ta' l-embrijuni kienu ġew uffiċjalment approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mis-servizzi veterenarji ta' dawk il-pajjiżi.

(4) Id-Deċiżjoni 92/452/KEE għandha, għalhekk, tiġi emendata kif jixraq.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika 14 Frar 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/8/KE (ĠU L 6, 11.1.2006, p. 32).

ANNEX

L-Anness mad-Deċiżjoni 92/452/KEE hu emendat kif ġej:

a) ir-ringiela għall-grupp għall-ġbir u produzzjoni ta' embrijuni għall-Kanada Nru E593 huma sostitwit b'dan li ġej:

"CA		E593		Davis-Rairdan Embryo Transplant Ltd PO Box 590, Crossfield Alberta TOM 0S0	Dr Roger Davis Dr Andres Arteaga"
-----	--	------	--	--	--------------------------------------

b) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja għal New Zealand:

"NZ		NZEB11		ArTech PO Box 23026 Hamilton	Dr Rob Courtney Dr William Hancock"
-----	--	--------	--	------------------------------------	--

c) jiħassru r-ringiela li ġejjin għall-gruppi għall-ġbir ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika:

"US		91WA048 E11		Carnation Research 28901 NE Carnation F Carnation, WA	Eric Studer
US		91WA020 E572		North West Veterinary Clinic 8500 Cedarhome Drive Stanwood, WA	E.E. Elefson
US		91NC054 E705		Apex Veterinary Hospital 1600 E. Williams St. Apex, NC	Samuel P. Galphin"

d) jiddaħħlu r-ringiela li ġejjin għall-Istati Uniti ta' l-Amerika:

"US		05NC117 E705		S.Galpin Services 6509 Saddle Path Circle Raleigh, NC 27606	Dr Samuel P. Galphin
US		05IA118 E1477		Donald Yanda 147 Jacobsen Drive Maquoketa, IA 52060	Dr Donald Yanda
US		05WI116 E1554		Reprovider, LLC 2007 Excalibur Drive Janesville, WI 53546	Dr Rick Faber
US		05IA119 E1685		Westwood Embryo Services Inc 1760 Dakota Ave. Waverly, IA 50677	Dr Justin Helgerson"